**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

# IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 51– IT-TNEJN, 18 TA’ FRAR 2013 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 50**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

**1.2** Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 77**

2.1 Pagamenti numru 12, 13, u 14 għandhom temporanjament jieqfu u tintalab kjarifikazzjoni. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li pagament 26 ma jitħallasx minħabba li huwa eċċessiv. Ma kienx hemm sekondant.

2.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm 5 favur, 1 kontra u 1 astensjoni.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet innutata ittra anonima rigward Triq il-Battaljun, Triq John F Marks u Triq in-Naxxar. Ġie deċiż li m'hemmx azzjoni x'tittieħed.

3.2 Ġie diskuss l-ammont pendenti lil Kumpanija Grima għal żebgħa mixtrija fl-2011. Ġie deċiż li għandha ssir talba biex jiġi revedut l-ammont.

3.3 Ġiet innutata talba għal un/loading parking bay fi Triq Bernardette mill-ħanut taċ-Charity Shop. Hija impossibbli li kull ħanut ikollu din un/loading u għalhekk ma ġietx milqugħha t-talba.

3.4 Ġiet diskussa talba biex toroq Ġorġ Tayar u Oreste Kirkop isiru one way. Ġie deċiż li tintlaqa' din it-talba u għandha tiġi riferuta lil TM.

3.5 Ġew ippreżentati l-accounts għas-sena 2012. Dawn ġew approvati u għandhom jinbagħtu lill-awdituri u lil NAO.

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sur Neville Mallia għamel riferenza għal site visit li saret fi Triq il-Ballut. Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li ssir il-bankina kollha. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm 4 favur u 3 kontra.

4.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ġab għall-attenzjoni li Triq il-Kapuċċini ma tnaddfitx. Għandha ssir site visit mal-kuntrattur.

Is-Sinjuri Rita Saliba u Anthony Mifsud Bonnici skużaw ruħhom mil-laqgħa (7.30pm)

4.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li ssir awgurazzjoni tax-xogħol fuq il-pavimentar, u fuq l-istatwa tal-Madonna fi Pjazza Awrekarja fl-1 ta' Marzu. Kien hemm qbil unanimu.

4.4 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li ssir junction box fi Triq il-Qalbiena minħabba d-dislivell li jinsab fil-bankina.

4.5 Is-Sinjura Violet Bajada nfurmat il-Kunsill li saret site inspection fi Pjazza Awrekarja u s-siġar taż-żebbuġ jinsabu f'kundizzjoni tajba. Ipproponiet li ssir Clothes Drive. Kien hemm qbil unanimu. Għandha wkoll tiċċaqlaq it-tabella tal-cart ruts u ssir aktar viċin il-bankina.

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |